Ref. Tagħna: *SPI*/SCI/01/2026

## ĊIRKULARI NUMRU *SPI*/SCI/01/2026

---

| | |
|---|---|
| Lis- | Sindki, Viċi Sindki,<br>Kunsillieri u Segretarji Eżekuttivi<br>Kunsilli Lokali |
| Kopja lill- | Presidenti, Viċi Presidenti,<br>Membri u Segretarji Eżekuttivi<br>Kunsilli Reġjonali |
| Mingħand: | Id-Direttur (Gvern Lokali) Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy* |
| **Suġġett:** | **Finanzjament - Attivitajiet Kulturali Annwali 2026** |
| Data: | 11 ta' Marzu 2026 |

---

### 1. Għan

Il-kultura hija magna b'saħħitha għall-iżvilupp sostenibbli ta' pajjiż. Dan minħabba li l-kontribuzzjonijiet speċifiċi li toffri l-kultura jippromwovu l-inklużjoni soċjali, l-iżvilupp ekonomiku, s-sostenibbiltà ambjentali, l-armonija, l-paċi u s-sigurtà. Dan il-kunċett huwa rikonoxxut mad-dinja kollha inkluż Pajjiżna.

Għal dan il-għan, is-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali b'kollaborazzjoni mad-Direttorat tal-Istrateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy* fi ħdan id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali qed jerġgħu jvaraw dan il-finanzjament, sabiex jassistu l-Kunsilli Lokali f'attivitajiet kulturali. L-għan ewlieni ta' dan il-fond huwa li l-lokalitajiet ikomplu jinvestu u jiżguraw is-sostenibbiltà kulturali u l-kontribuzzjonijiet li toffri għall-benessere tar-residenti tagħhom.

Din l-iskema se tkun qiegħda tkopri attivitajiet kulturali li ħa jsiru matul din is-sena bejn **it-Tnejn, 1 ta' Ġunju 2026 u l-Ħamis, 31 ta' Diċembru 2026**.

## 2. Objettivi

2.1 Aktar impatti soċjo-ekonomiċi pożittivi, koeżjoni, inklużjoni, solidarjetà, diversità, saħħa u benessere;

2.2 Aktar kollaborazzjoni u żvilupp ta' *networks* kulturali ġodda kemm lokali kif ukoll internazzjonali inkluż l-isfruttar ta' ġemellaġġi eżistenti u oħrajn ġodda;

2.3 Aktar promozzjoni tal-kultura, l-wirt uniku tal-lokalitajiet u t-tradizzjonijiet Maltin, inkluż kultura tradizzjonali u prattiċi aktar kontemporanji;

2.4 Aktar innovazzjoni, kreattività, kwalità u sostenibbilità kulturali.

## 3. Eliġibilità

3.1 Il-Kunsilli Lokali Maltin u Għawdxin;

3.2 Kunsilli Lokali li bbenefikaw mill-iskema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2025/2026, Ċirkulari numru SPI/SCI/02/2025, u li l-attivitajiet tagħhom saru jew ser isiru bejn il-Ħamis, 1 ta' Jannar 2026 u l-Ħadd 31 ta' Mejju 2026, mhumiex eliġibbli li japplikaw għal dan il-finanzjament.

## 4. Eżitu ta' din l-iskema ta' finanzjament

4.1 Aktar inklużjoni, diversità, integrazzjoni u multikulturaliżmu permezz tal-kultura, billi jiġi żgurat involviment ta' firxa wiesgħa kemm mill-udjenza, kif ukoll mill-parteċipanti ta' kull età u sfond soċjali;

4.2 Aktar involviment ta' talenti ġodda u rinomati kemm Maltin kif ukoll internazzjonali;

4.3 Aktar attrazzjonijiet għat-turisti, lokali u/jew internazzjonali, matul is-sena kollha, speċjalment f'dawk iż-żminijiet kwieti tas-sena;

4.4 Aktar promozzjoni tal-wirt lokali distintiv u uniku tal-lokalitajiet inkluż id-djalett, karatteristiċi kulturali, artisti lokali u rikkezzi, tradizzjonijiet u artiġjanat. Għal dan il-għan il-Kunsilli Lokali qed jiġu mħeġġa li jippromwovu dawk il-fatturi li jikkontribwixxu għall-identità tal-lokalità rispettiva sabiex ikun hemm attivitajiet varji;

4.5 Aċċessibbiltà aktar adegwata, kemm fiżika kif ukoll fl-atteġġjament, li tinkludi diversi mezzi ta' komunikazzjoni bħall-lingwa tas-sinjali u *braille signage*, għall-persuni b'diżabilità viżiva.;

4.6 Aktar inizjattivi u miżuri sabiex jitnaqqas l-effett negattiv fuq l-ambjent;

4.7 Aktar innovazzjoni u kreattività;

4.8 Aktar attivitajiet ta' kwalità u livell għoli;

4.9 Aktar strateġiji promozzjonali bi ħsieb biex l-attività tilħaq il-miri tagħha;

4.10 Kollaborazzjonijiet ma' għaqdiet non-governattivi u artisti attivi fil-lokalità u/jew fis-setturi kulturali u kreattivi.

## 5. Kriterji ta' Evalwazzjoni

L-attività li ħa tkun qed tiġi proposta minn Kunsill Lokali ħa tkun qed tiġi evalwata fuq il-kriterji msemmija hawn taħt:

5.1 Rilevanza tal-attività proposta bbażata fuq l-għan, l-objettivi u l-eżitu ta' din l-iskema (40%)

- Deskrizzjoni dettaljata u konċiża ta' kull ma' tinvolvi l-attività
- Il-kuntest u l-isfond kulturali, uniku, kreattiv u artistiku ta' l-attività
- L-għanijiet u l-objettivi ta' l-attività
- X'inhuma l-benefiċċji għar-residenti

5.2 L-istrateġija u l-immaniġġjar tal-attività (40%)

- Innovazzjoni fil-kontenut kulturali u artistiku ta' l-attività
- Membri tat-tim, apparti dawk l-individwi parteċipi mill-Kunsill Lokali, li ħa jieħdu ħsieb ir-rwoli primarji fosthom id-direzzjoni artistika tal-attività kulturali u l-immaniġġjar tal-fond u/jew l-attività kulturali
- Dettalji ta' għaqdiet volontarji/non-governattivi u artisti protagonisti fl-attività u attivi, li ħa jkunu jikkollaboraw bi sħiħ mal-Kunsill Lokali sabiex tittella' l-attività
- Fatturi ta' importanza partikolari li se tkun qed toffri l-attività sabiex tiżgura l-kwalità u l-livell adekwat
- Pjan finanzjarju li jinkludi baġit dettaljat li juri b'mod ċar l-ispejjeż totali u d-dħul totali tal-attività kulturali. L-ispejjeż għandhom ikunu marbuta direttament mal-attività u jistgħu jkunu ta' natura artistika, maniġerjali, promozzjonali, loġistika u materjali fost oħrajn. Għandhom jiġu ppreżentati wkoll l-istimi tas-servizzi u tal-materjal neċessarju biex tittella' l-attività kulturali. Id-dħul għandu jinkludi l-ammont mitlub mill-iskema, kif ukoll sorsi oħra ta' finanzjament
- Pjanijiet ta' monitoraġġ u valutazzjoni tar-riskju għall-attività proposta, kif ukoll pjan ta' kontinġenza
- Pjan ta' kif l-attività maħsuba tikber u/jew tittejjeb sabiex tkun sostenibbli

5.3 L-istrateġija promozzjonali u l-miri tagħha (15%)

- Deskrizzjoni tal-mezzi li ħa jiġu wżati għall-promozzjoni ta' l-attività u kif dawn ħa jolqtu udjenzi varji inkluż tfal, anzjani, nies bi bżonnijiet speċjali u oħrajn ta' nazzjonalitajiet differenti

5.4 Il-formula tal-applikazzjoni mimlija b'mod korrett, bl-informazzjoni u d-dokumenti provduti kollha fil-ħin stipulat skont Artiklu 8.2 (5%).

## 6. Kundizzjonijiet tas-Sottomisjonijiet

Il-Kunsill Lokali interessat għandu jsegwi dawn il-kundizzjonijiet fl-applikazzjoni li jkun qed jissottometti:

6.1 Il-Kunsill Lokali huwa mitlub li jissottometti l-proposta permezz ta' l-applikazzjoni hawn mehmuża – Appendiċi I. **Huwa importanti li tingħata l-informazzjoni u jiġu sottomessi d-dokumenti kollha mitluba peress li fin-nuqqas ta' dan l-applikazzjoni tiġi kkunsidrata mhux eliġibbli mill-Bord ta' l-Evalwazzjoni**;

6.2 Kull Kunsill Lokali jista' **japplika għal attività waħda biss.** Għaldaqstant, attività tista' tkun mifruxa fuq perjodu ta' ġranet;

6.3 Kull attività proposta għandha tieħu in konsiderazzjoni **l-għan, objettivi u l-eżitu** ta' dan il-finanzjament flimkien mal-kundizzjonijiet msemmija f'din iċ-Ċirkulari;

6.4 Ma' għandhomx jiġu proposti l-ebda attivitajiet li għandhom x'jaqsmu ma' Jum tal-Lokalità, jew fil-perjodu tal-kalendarju tal-festa/festi tar-raħal jew Belt;

6.5 Attivitajiet li huma inklużi fil-programm ta' attivitajiet tal-Reġjun Kulturali 2026 jew iffinanzjati minn xi skema oħra maħruġa minn dan id-Direttorat, m'humiex eliġibbli;

6.6 Il-Kunsilli Lokali li ħa japplikaw għal din l-iskema ta' finanzjament għandhom jikkoordinaw mal-Meniġer tal-Kultura fi ħdan il-Kunsill Reġjonali rispettiv (fl-assenza tiegħu/tagħha mas-Segretarju Eżekuttiv) id-data/i ta' l-attività. Dan sabiex jiġu evitati, kemm jista' jkun, attivitajiet fl-istess ġranet fl-istess Reġjun. Tali ppjanar jiżgura li l-attivitajiet miżmuma fl-istess Reġjun, aktar milli jikkompetu kontra xulxin, jikkumplimentaw lil xulxin u jservu bħala katina ta' avvenimenti kulturali. **Dan għandu jsir qabel tiġi sottomessa l-applikazzjoni u konferma bil-miktub mir-Reġjun għandha tiġi annessa mal-applikazzjoni;**

6.7 Il-Kunsill Reġjonali li ħa jkun qed jospita r-Reġjun Kulturali għandu jiżgura li l-attivitajiet taħt din l-iskema ma jsirux fl-istess dati ta' dawk l-attivitajiet fil-programm tar-Reġjun Kulturali;

6.8 **Kull Kunsill Reġjonali għandu jissottometti kalendarju li għandu jinkludi l-attivitajiet kulturali kollha iffinanzjati minn dan id-Direttorat li ser jiġu mtellgħa fil-konfini tal-Reġjun tiegħu qabel jibda l-perjodu ta' din l-iskema**;

6.9 Kull sottomissjoni ħa tiġi evalwata skont il-kriterji ta' evalwazzjoni msemmiha f'Artiklu 5 ta' din iċ-Ċirkulari;

6.10 L- applikazzjoni għandha tinkludi deskrizzjoni dettaljata tal-attività inkluż l-istimi tal-ispejjeż involuti. Għandu wkoll jiġi ndikat kif kull attività ħa tissodisfa l-kriterji ta' evalwazzjoni;

6.11 Għandhom ukoll jiġu mehmuża **ritratti tal-post/postijiet** fejn ser isiru l-attivitajiet;

6.12 Il-Bord ta' Evalwazzjoni jirriżerva d-dritt li ma jikkunsidrax il-proposta sottomessa minn Kunsill Lokali jekk din ma' tkunx tindirizza l-**objettivi,** l-**eżitu** u l-**kriterji ta' evalwazzjoni**, kif ukoll il-**Kundizzjonijiet** ta' din iċ-Ċirkulari;

6.13 Kunsill Lokali jista' jagħmel sħubija ma' terzi biex jimplimenta l-attività. Minkejja dan, il-Kunsill Lokali jibqa' responsabbli biex jiżviluppa kull attività u jiżgura li ssir b'suċċess. F'dan il-każ il-Kunsill Lokali huwa obbligat li jippreżenta l-lista tat-terzi li ħa jkunu qed jidħlu bi sħubija fl-organizzazzjoni ta' xi attività;

6.14 L-attività li għaliha qed jintalab il-finanzjament għandha tkun approvata mill-Kunsill u jitniżżlu fil-minuti flimkien mar-referenza ta' l-iskema li l-Kunsill ikun qed japplika għaliha. **Kopja sħiħa ta' dawn il-minuti ffirmati** u approvati għandhom jiġu mehmuża mal-applikazzjoni. Għandha tiġi approvata wkoll l-ispiża li se jiffinanzja l-Kunsill. F'każ li l-minuti ma' jkunux għadhom ġew approvati sad-data ta' l-għeluq ta' l-iskema, **tiġi aċċettata kopja tar-Riżoluzzjoni** ffirmata, hekk kif inhu stipulat fl-Ordnijiet Permanenti (Sitt Skeda, Artikolu 43) tal-Att dwar il-Gvern Lokali, Kap. 363;

6.15 **Applikazzjoni tiġi skwalifikata jekk il-minuti ma jirriflettux l-approvazzjoni tal-attività li għaliha il-Kunsill ikun qiegħed japplika, kif ukoll l-approvazzjoni li l-Kunsill huwa dispost li jiffinanzja l-bilanċ tal-flus;**

6.16 Mal-applikazzjoni għandha tiġi mimlija wkoll id-dikjarazzjoni li l-Kunsill Lokali jinsab f'pożizzjoni finanzjarja stabbli, u li kapaċi jissodisfa l-artiklu 7.14 ta' din iċ-Ċirkulari inkluż l-ammont li se jiġi ffinanzjat mill-Kunsill Lokali. Dan id-dokument jinkludi wkoll dikjarazzjoni li l-istess spejjeż elenkati fl-applikazzjoni, li qed jiġi mitlub il-finanzjament għalihom mhumiex iffinanzjati minn xi fondi oħra. Din id-dikjarazzjoni għandha tiġi ffirmata wkoll mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali;

6.17 L-applikazzjoni trid tkun ffirmata mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv kif indikat fl-istess applikazzjoni. Kull paġna u dokument fl-applikazzjoni trid tkun ukoll inizjalata mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv;

6.18 **Applikazzjonijiet mhux kompluti hekk kif indikat f'din iċ-Ċirkulari, jiġu eliminati.**

## 7. Kundizzjonijiet dwar l-Implimentazzjoni

7.1 Il-perjodu ta' l-implimentazzjoni ta' dawn l-attivitajiet kulturali huwa bejn **it-Tnejn, 1 ta' Ġunju 2026 u l-Ħamis, 31 ta' Diċembru 2026;**

7.2 Il-Kunsill Lokali għandu jżomm mal-programm propost fl-applikazzjoni u li ġie approvat mill-Bord ta' Evalwazzjoni. Għandu jiġi notifikat id-Direttorat minnufih jekk ikun hemm bżonn ta' xi tibdiliet. Il-bidliet ma jistgħux jiġu implimentati sakemm tingħata l-approvazzjoni;

7.3 Il-Kunsill Lokali għandu jaċċerta ruħhu li jottjeni kwalsijasi permessi u/jew liċenzji li jistgħu jkunu meħtieġa in konnessjoni mal-kontenut kollu tal-programm propost inkluż prekawzjonijiet u azzjonijiet meħtieġa rigward is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-post fejn ħa ssir l-attività;

7.4 Il-Kunsill Lokali huwa obbligat ukoll li jagħmel *risk assessment* tal-attività u din għandha tkun koperta b'polza ta' assigurazzjoni. Għandha tittieħed kull azzjoni neċessarja hekk kif jiġi indikat fir-*risk assessment* sabiex nissalvagwardjaw is-Saħħa u s-Sigurtà kemm tal-parteċipanti kif ukoll tal-persuni li jattendu;

7.5 Il-Kunsill Lokali jrid jimxi strettament mal-proċeduri tax-xiri u dawk finanzjarji, skont ir-Regolamenti dwar l-Akkwist mill-Kunsilli Lokali u l-provvedimenti ta' l-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap 363);

7.6 Id-Direttorat qiegħed minn issa jeżonera ruħu mir-responsabbilità f'każ ta' nuqqas min-naħa tal-Kunsill Lokali li jonora xi liġi msemmiha hawn fuq jew oħrajn relatati. Għaldaqstant, jekk il-Kunsill Lokali jikser xi provvediment tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap 363), regolamenti finanzjarji, xi liġijiet oħra relevanti jew xi kundizzjoni msemmiha f'din iċ-Ċirkulari, id-Direttorat jirriserva wkoll d-dritt li jirtira l-fondi kommessi;

7.7 Il-Kunsill Lokali huwa **obbligat** li jippromovi l-attività u jindika li dan qed issir bl-appoġġ finanzjarju tas-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali u d-Diviżjoni għall-Gvern Lokali;

7.8 Il-promozzjoni għandha ssir kemm permezz tal-midja soċjali u kemm permezz ta' mezzi varji ta' kommunikazzjoni;

7.9 L-attivitajiet huma suġġetti għal spezzjonijiet minn rappreżentanti tad-Direttorat għall-Istrateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy*;

7.10 Talba għar-rimborż ta' spejjeż relatati mal-ospitalità, ikliet u festini, ma' logħob tan-nar kemm ta' l-art kif ukoll ta' l-ajru kif ukoll spejjeż relatati ma' biljetti jew *tokens* jew ma' għoti ta' rigali ma' jiġux aċċettati;

7.11 Dan il-fond mhux ħa jkun qed jiffinanzja *tribute bands* jew attivitajiet relatati ma' stabbiliment ta' rekords;

7.12 L-attivitajiet għandhom ikunu miftuħa għall-pubbliku mingħajr ħlas;

7.13 Spejjeż addizzjonali mhux imsemmija fl-applikazzjoni sottomessa mill-istess Kunsill Lokali ma' jsirx rimborż fuqhom;

7.14 **Din l-iskema ħa tkun qed tiffinanzja 85% tal-ispiża għall-attività sa massimu ta' €20,000 (inkluża l-VAT) kull Kunsill Lokali. Il-Kunsill Lokali huwa obbligat li mas-somma mogħtiha lilu jagħti l-kontribut tiegħu ta' 15%;**

7.15 Wara li tiġi implimentata l-attività proposta, il-Kunsill/i Lokali li ħa jibbenefikaw minn dan il-fond huma obbligati li jissottomettu d-dokumentazzjoni hekk kif jidher hawn taħt għall-attività mwettqa **sa mhux aktar tard minn xahrejn wara li ssir l-attività**:

- Rapport ta' dħul u ħruġ ta' kull attività;
- Kopji awtentiċi tal-fatturi u l-irċevuti fiskali ta' l-ispiża **globali**;
- Kopja tal-polza tal-assikurazzjoni li tkopri l-attività;
- Kopja tar-*risk assessment*;
- L-iskeda tal-pagamenti sħiħa approvata mill-Kunsill Lokali, ffirmata mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv, inkluż il-minuti tal-Kunsill fejn ġew approvati l-pagamenti;
- Dokumenti relatati mal-promozzjoni u reklamar tal-attività;
- Ritratti tal-attività; u
- Dikjarazzjoni mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv li l-ispejjeż tħallsu kollha;

7.16 Dan id-Direttorat jirriserva dritt li jitlob kwalunkwe dokument ieħor relatat mal-attività/attivitajiet.

## 8. Proċedura tal-Applikazzjoni

8.1 L-applikazzjonijiet jintlaqgħu biss fuq il-formola stabbilità, mehmuża ma' din iċ-Ċirkulari (Appendiċi I) u kif msemmi aktar 'il fuq jridu jkunu ffirmati u inizjalati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv wara li jkunu tressqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill;

8.2 Il-Kunsilli Lokali mitluba li jibgħatu l-applikazzjoni u d-dokumenti relatati permezz ta' imejl fuq l-indirizz elettroniku skemi.dlg@gov.mt **sa mhux aktar tard minn nhar it-Tlieta, 14 ta' April 2026**;

8.3 **Kull applikazzjoni li tasal tard u mhux kompluta skont kif indikat f'din iċ-Ċirkulari mhux se tkun ikkunsidrata;**

8.4 Kull sottomissjoni ħa tiġi evalwata minn Bord ta' Evalwazzjoni li ħa jinkludi professjonisti f'dan il-qasam, li jiġi maħtur mis-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għall-Kultura, l-Artijiet u Gvern Lokali;

8.5 Kull Kunsill Lokali jiġi nnotifikat bid-deċiżjoni tal-bord ta' Evalwazzjoni permezz ta' imejl uffiċjali mid-Direttorat Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy*;

8.6 Id-deċiżjoni meħuda mill-Bord tal-Evalwazzjoni hija waħda finali.

Marisa Pisani (iffirmata)
Direttur (Gvern Lokali) Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy*

Mehmuża: Appendiċi I: Applikazzjoni

Kopji: Ministru għall-Kultura, l-Artijiet, u Gvern Lokali
Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali
Segretarju Permanenti, Ministeru Kultura, l-Artijiet, u Gvern Lokali
Direttur Ġenerali għall-Gvern Lokali
Direttur għall-Gvern Lokali, Monitoraġġ u Sapport
Direttur, Konformità tal-Finanzi u tal-Akkwist
President, Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali
President, Assoċjazzjoni Nazzjonali tas-Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali u Reġjuni